**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001

**Numru 12**

**Avviz. numru 961/00JR**

**CNJ International Limited**

**vs**

**Anthony Desira u martu Gina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00) bilanc minn somma akbar, prezz ta' "spare parts" u ta' "service" esegwit mis-socjeta` attrici fuq Jetski tal-marka "Seadoo" proprjeta` tal-konvenuti (dokument A);**

**Bl-ispejjez inkluzi hames liri u sebgha u hamsin centezmu (Lm5.75) ta' l-ittra legali tat-2 ta' Frar, 2000 u tlieta u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm23.10) tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 750/2000MM**

**u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Jannar, 2000 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-22 ta' Dicembru, 2000, fejn intqal illi l-konvenut Anthony Desira kien assenti minn Malta meta martu giet interpellata bl-avviz, u ghadu hekk assenti sallum;**

**Stante li martu ma kienetx prezenti waqt il-ftehim li kien sar bejn zewgha, l-konvenut, u s-socjeta` attrici hi mhix f'posizzjoni li taghti eccezzjonijiet taghha issa, ghakemm qieghda tikkontesta t-talbiet attrici;**

**Il-konvenuti lesti li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;**

**Sal eccezzjonijiet ohra.**

**Ra li fis-seduta tat-12 ta' Jannar, 2001, ghall-kull bon fini il-konvenut ta ruhhu b'notifikat bl-avviz.**

**Semgha x-xhieda ta' Claudio Caruana ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut, u esebixxa d-Dok.CC li juri l-ftehim li kien hemm. It-Tribunal innota li l-konvenuti baqghu ma ressqux il-provi taghhom.**

**Ghaldaqstant fuq il-provi mismugha t-talba attrici tirrizulta pruvata, u t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltija (Lm190.00) bl-imghaxijiet mit-28 ta' Jannar, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra legali tat-2 ta' Frar, 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 750/2000MM ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**